KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37 – IS-SIBT 08 TA' LULJU 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar bejn id-09.00 u 09.15 ta' filgħ odu.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier ( 08.35 )** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier ( 08.40 )** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier ( 08.55 )** |
| | **Sandra Grech** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **David Thake** | **Viċi Sindku** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| **Assenti:** | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**NUQQAS TA' QUORUM**

**Fil-ħin li ġiet imsejjħa l-laqgħa kien hemm nuqqas ta' Quorum. Kienu preżenti 4 Kunsilliera : Is-Sindku, il-Kunsillier Paul Bugeja, Il-Kunsillier Antoinette Bezzina u l-Kunsillier Matthew John Barbara. Fit-08.35 wasal il-Kunsillier Joseph Vella, fid-08.40 waslet il-Kunsillier Anne Fenech u fid-08.55 wasal il-Kunsillier Robert Piscopo, u l-laqgħa setgħet tibda wara li ntlaħaq il-quorum meħtieġ.**

## 1. QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJA

**Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġiji mingħand : Il-Viċi Sindku David Thake ma setax jattendi għal laqgħa peress li kien hemm avviż ta' inqas minn 24 siegħa u laħaq għamel appuntamenti oħra li ma jistax idawwarhom f'ħin qasir hekk. Il-Kunsillier Stephen Cremona ma setax jattendi peress li kien laħaq għamel appuntamenti oħra. Il-Kunsillier Daniel Grima ma setax jattendi minħabba li l-avviż sar fi żmien qasir. Il-Kunsillier Alfred Grima ma setax jattendi minħabba l-impenji ta' xogħol. Il-Kunsillier Raymond Tabone ma setax jattendi minħabba l-impenji ta' xogħol u talab li jkun skużat.**

## 2. SERATA FL-OKKAŻŻJONI TAL-FESTA TITULARI TA' MARIJA SULTANA TAL-MARTRI

**2.1 Is-Sindku spjegat l-għan ta' din il-laqgħa u qrat korrispondenza li waslet mingħand is-Soċjeta' Mużikali San Pawl flimkien mal-Kumitat Festa Marija Addolorata Sultana tal-Martri.**

**Il-Kunsillier Paul Bugeja 'ddikjara li huwa ser jibqa' fuq il-mejda pero' mhux ser jipparteċipa' fid-diskussjoni peress li għandu 'nteress għaliex il-President tas-Soċjeta' Mużikali San Pawl huwa t-tifel tiegħu.**

**Il-Kunsillier Joseph Vella 'ddikjara wkoll li huwa ser jibqa' fuq il-mejda pero' mhux ser jipparteċipa' fid-diskussjoni peress li huwa s-Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali San Pawl.**

**Il-proposta hi li ssir attivita' mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Mużikali San Pawl u l-Kumitat Festa Marija Addolorata Sultana tal-Martri nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017. L-ispejjes involuti huma ta' €950.00 u kif ukoll isir self ta' mwejjed li huma propjeta' tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Is-Sindku qalet li attivita' simili saret ftit tal-ġimgħat ilu fil-lokalita' ta' Burmarrad mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat tal-Festa Burmarrad fejn intefqu €500. Intqal ukoll li f'dan il-kas hawn żewġ għaqdiet lokali 'nvoluti.**

**Kien hemm qbiel unanimu li l-ispiża hija raġonevoli u li l-Kunsill ghandu jtella' din l-attivita' hekk kif suggerit fl-istess korrispondenza.**

**Fid-09:15 Il-Kunsill qabel li tintemm il-laqgħa.**

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Sandra Grech** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |